# DUN FRANS CAMILLERI



## Il-bniedem li naf jien

jikteb Sammy Sammut

**"Ħa jżernaq għada: inti ma tmutx. Xi darba għad tmil ix-xemx; imbagħad, bħalm' hawn darrejtni, stennieni hemm ġo qabrek u isma' l-karba......."**

Kienu ħafna l-għalliema li fuq spallejhom kellhom ir-responsabbilta' mit-tagħlim u l-edukazzjoni tiegħi u ta' sħabi li trabbew miegħi. U għandi għax inkun konvint li kollha għamlu ħilithom biex dak li kienu jafu jgħadduh lilna bl-aħjar mod li setgħu. Ta' dan jien grat immens lejhom kollha, għax il-ftit li naf, nafu lilhom.

Iżda xorta waħda hemm minn fosthom li nagħżel bħala li ħarġu minn triqathom sabiex lilna l-istudenti jgħinuna nimxu aktar 'il quddiem f'ħajjitna. Edukatur minnhom, li nibqa' ngħożż it-tifkira tiegħu għax inħossni midjun lejh kien Patri M. Previ O.P. li bis-saħħa ta' għerfu u l-paċenzja li kien juri magħna ż-żgħażagħ, tħabbibt ma' l-ilsien li tatni ommi.

Kien b'ħiltu li trawwimt u tħarriġt fil-kitba bil-Malti. U kien hu li introduċieni għall-ewwel darba ma' l-isem ta' Dun Frans Camilleri meta, kif kellu ħabta jagħmel, kien kemm-il darba jqabbadni nqum bil-wieqfa u jitlobni naqra xi poeżija minn tiegħu. Ngħid is-sew ftit li xejn kont nieħu gost li f'kull lezzjoni kien iġiegħel lili naqra għax ma tantx kienu jinżluli għasel ċerti kummenti ta' xi wħud minn sħabi tal-klassi. Però, kif kont nibda naqra l-ewwel vrus tal-poeżija jew essej li tkun, kont ninsa kollox u nintelaq fid-dinja immaġinarja ta' l-awtur.

Kien b'dan il-mod li sirt naf lil Dun Frans. Personalment qatt ma kont

iltqajt miegħu. Kont rajt lil wiċċu l-ewwel darba meta bdejt niffrekwenta il-Lega tal-Ħamrun mal-qalba tas-snin sebgħin. Xbiha tiegħu kienet imwaħħla fi gwarniċ li kellna mdendel hekk kif titla' t-taraġ u li kien jiġbor fih, fost oħrajn, il-vokazzjonijiet saċerdotali li kienu trawmu u ħarġu miċ-Ċirkolu Milites Christi Regis, il-fergħa tal-Ħamrun ta' l-Azzjoni Kattolika għaż-żgħażagħ.

Proprjament huwa kien mill-Marsa. Twieled nhar id-19 ta' Jannar, 1919 minn Ġanni Camilleri u Ġużeppina, imwielda Barbara. Il-familja tiegħu kienet toqgħod fil-fond numru 60 fi Triq Patri Magri, kantuniera ma' Triq il-Friefet u ftit bibien 'il fuq mid-dar tan-nanniet paterni tiegħi. Iżda bħal ħafna, ħajtu għaġinha l-Ħamrun.

Fi tfulitu, waqt li kien jitgħallem fl-Iskola Primarja tal-Gvern *St.Paul's School*, kien ukoll abbati jgħin fil-quddies u fiċ-ċerimonji reliġjużi li kienu jsiru fil-Knisja ta' San Gejtanu. Imbagħad daħal fis-Seminarju ta' l-Arċisqof fil-Furjana u l-aħħar erba' snin tal-Kors tat-Teoloġija għamilhom l-Universita' ta' Malta. Kien biss dan l-aħħar li sirt naf li l-ħajra ta' Dun Frans kienet dik li jsegwi l-Kors tal-Liġi. F'ittra li kien kiteb lill-poeta bħalu, Karmenu Vassallo, fit-3 ta' Novembru 1943, biex iroddlu ħajr għal sunett li kitiblu, Dun Frans jistqarr:

**"…..Nirringrazzjak ukoll tal-B.A., B.D. li int xtaqt iżżidhom wara ismi, u jien m'għandix. Jien kont tlift iċ-ċans tal-lawrja għax weħilt fl-Ingliż. Imma kollox f'idejn il-Bambin, Karmenu. Naf ngħidlek biss li, kieku jien komplejt il-Kors, kont nitħajjar naqbad dak tal-liġi. U ma domtx ma rajt ċar li (Alla) riedni Qassis….."**

Huwa ħa l-quddiesa fis-sena 1943. Sena wara beda jgħallem il-Malti fil-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara, impjieg li baqa' jżomm għal 20 sena sħaħ. Fl-istess ħin kien jagħmel il-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa San Gejtanu fejn ingħata jieħu ħsieb ukoll il-knisja ċkejkna iddedikata lil Madonna tal-Portu Salvu, aktar magħrufa bħala ta' Santunnuzzu.

Apparti minn hekk, kien attiv ukoll f'ħafna għaqdiet reliġjużi, soċjali, letterarji, sportivi u kulturali. Għal diversi snin ħadem bħala membru tal-Kumitat tal-Viżitaturi tal-Ħabs, kien membru attiv tal-Għaqda ta' Qari Tajjeb u wkoll l-ewwel editur tar-rivista ta' l-Azzjoni Kattolika, Il-Ħuġġieġa u tal-magażin għall-emigranti Maltin Lil Ħutna, maħruġ mill-Kummissjoni Emigranti.

F'Mejju ta' l-1943, Dun Frans ġie aċċettat bħala Membru Akkademiku ta' l-Akkademja tal-Malti u sena wara elett fil-Kumitat Ċentrali tagħha. Dak iż-żmien, Dun Frans kien jingħadd mal-ġenerazzjoni tal-poeti l-aktar żgħażagħ. Għalih Alla u l-poeżija mhux biss ma kenux jitbiegħdu minn xulxin, imma jiltaqgħu f'rabta waħda. Għalhekk, bħala poeta/qassis huwa għaraf jagħmel mill-kitba tal-poeżija ħidma qaddisa, biċċa mill-missjoni tas-sejħa tiegħu:

**"Il-Poeżija**
**Ma fixklitekx fit-triq għax int ħabbejtu**

**Fil-għana lill-Mulej u fil-qdusija"**

Dun Frans kien għadu daqsxejn ta' tifel meta tħajjar jikteb u jħażżeż l-ewwel poeżiji tiegħu. Fl-1935 tħajjar juri xi wħud minn dawn il-poeżiji lill-Professur Ġuże' Aquilina, li min-naħa tiegħu għamillu kuraġġ ta' sur biex ikompli jagħni l-Letteratura Maltija. Il-Prof. Aquilina kien stqarr:

**"Dil-ġabra ta' poeżijiet hi ħsad ieħor sabiħ mill-wiċċ għammil tal-għana Malti, tagħam ieħor miżjud mal-matmura dejjem tikber tal-Letteratura Maltija....Dawn il-poeżijiet, mibnija l-aktar fuq iż-żewġ imħabbiet tar-Reliġjon u tan-Natura għandna inqisuhom bħala l-ewwel ħsad taż-żgħożija tiegħu."**

Min-naħa tiegħu, bl-umilta' u s-sinċerita' li kien imżejjen bihom, Dun Frans jgħid li:

**"Fil-Prof. Ġuże' Aquilina jien sibt il-għajnuna li kont nixtieq. Minn dak in-nhar jien kelli dejjem ma' ġenbi l-id, il-moħħ u l-qalb ta' bniedem li hu magħruf biżżejjed għall-ħila tiegħu. Lilu, għal kull ma' għamel miegħi f'dawn is-snin li għaddew, niżżi ħajr minn qalbi waqt li nibqa' bit-tama li huwa, 'il quddiem ma jħallinix waħdi fit-triq li qabbadni...."**

Uħud minn dawn l-ewwel poeżiji ta' Dun Frans ġew inklużi minnu fil-kotba **Moħba tal-Qalb** (1945), **Fil-Ġnejna tat-Tfulija** (1948 u 1949) u **L-Għana ta' Ħajti** (1964). Għadd kbir ieħor ta' poeżiji minn tiegħu ġew ippubblikati f'għadd ġmielu ta' ġurnali, rivisiti, gażżetti u antoloġiji, waqt li oħrajn ġew miġjuba f'ilsna barranin. Ktieb ieħor minn tiegħu kien **Lejn id-Dawl**, b'ġabra ta' essejs.

L-ewwel ħajra għall-kitba ta' l-essej ġietu fis-sena 1941 meta kien tnieda l-konkors ta' essejs mill-Għaqda tal-Malti (Universita'). Kif jistqarr huwa stess fid-daħla ta' dan il-ktieb:

**"Il-Prof. Ġ. Aquilina, li kont ili nafu student mis-sajf tas-sena 1936 meta kien tani xi lezzjonijiet ta' l-Ingliż, bħalma kien għamilli l-qalb biex nikteb il-poeżija, ħajjarni wkoll biex nidħol għal dak il-konkors. U jien smajt minnu, u bgħatt l-essej 'Xandir l-Isem' ..... Meta ħareġ ir-riżultat, b'għaġeb kbir tiegħi, dan l-essej kien ħa l-ewwel premju. Għalkemm ma kienx wisq għal qalbi, l-eżaminaturi - li kienu Dr. G. Galea u Dr. J.J. Cremona - fir-rapport tagħhom qalu li dak l-essej kien miktub tajjeb. Minn dak iż-żmien, barra mill-poeżiji, bqajt nikteb ukoll essejs li ftit minnhom deħru bħala artikoli f'rivisti u ġurnali."**

Qasam ieħor li għalih Dun Frans jibqa' msemmi u mfaħħar huwa dak tal-kitba ta' l-innijiet, l-aktar dawk reliġjużi. B'kollox jingħad li huwa kkompona madwar 500 innu għal knejjes, skejjel, għaqdiet reliġjużi kif ukoll każini tal-

baned. Ġabra żgħira minn dawn wieħed isibhom fil-ktieb tiegħu **Innijiet** (1948). Barra minn hekk, wara talba mill-Kummissjoni Liturġika, Dun Frans qaleb għall-Malti, l-innijiet u s-sekwenzi kollha li huma stampati fil-Missal bil-Malti u li għadna nkantaw sal-lum il-ġurnata fil-knejjes tagħna.

Kif kelli diġa' l-okkażjoni ngħid f'kitbiet oħrajn tiegħi, Dun Frans b'għemilu kien jagħti prova ħajja illi mhux is-suttana tagħmlek qassis. Għalkemm is-suttana qatt ma neħħiha minn fuqu, bl-eżempji tiegħu wera kemm kien bniedem twajjeb u ħanin. Ta' ġentlom li kien, kien kapaċi jisma' jagħder, iħenn u jgħin lil kull min fittex il-faraġ tiegħu, speċjalment il-bniedem komuni, iż-żgħir u l-batut meta ffaċċjat bit-toqol tal-ħajja u l-egoiżmu.

Huwa kien ukoll bniedem patrijott li ħabb bil-fatti lill-Art Twelidu u dak kollu li hu Malti. Ħadem bla heda biex l-ilsien Malti jkun magħruf u aċċettat bħala l-ilsien uffiċjali ta' pajjiżna kif kien jixraqlu, u għanih b'kitbietu. Kitbiet li fihom kien juża kliem u frażijiet kemm jista' jkun ħfief u leġġeri biex jinftehmu wkoll mill-kotra tal-poplu li tħalliet lura milli titgħallem u b'hekk fid-dlam ta' l-injoranza.

Dun Frans qatt ma fittex il-glorja u wisq anqas li jagħmel il-flus mill-kitbiet u l-pubblikazzjonijiet tiegħu. Dawn kienu frott l-amor proprju tiegħu. U l-akbar gost tiegħu kien ikun meta x-xogħlijiet letterarji tiegħu jintgħoġbu minn ħaddieħor, kif jistqarr huwa stess:

**"…..Għallinqas nista' ngħid li ma ktibthomx għalxejn, għalkemm l-aqwa gost tiegħi hu meta nara li oħrajn jaslu biex jifhmu mill-poeżiji li ktibt illi kull ħaġa maħluqa, bil-ġmiel u l-kobor tagħha, tista' twassalna għand Alla li, fil-kobor bla tarf tal-Għerf u l-Imħabba tiegħu, hu l-ewwel u l-akbar poeta".**

F'ittra oħra, datata 3 ta' Settembru, 1970, lil Karmenu Vassallo, biex jifraħlu għall-ktieb tiegħu *Vatum Consortium*, Dun Frans ifaħħar uħud mill-poeżiji inklużi u jgħid:

**"Jogħġbuni l-aktar għaliex fihom għaraft tonqox u toħroġ il-kobor kollu, bil-ġmiel tagħhom, ta' l-għeżeż teżori li għandi għal qalbi - Alla, in-Natura u Art Twelidi. Nerġa' nifraħlek talli bqajt tagħtina Poeżija tassew, b'messaġġ ta' Tjubija ta' ġmiel li min bħali ma jiġrix wara l-flus jaf jgħożż aktar minn kollox …"**

L-umilta' ta' Dun Frans kienet tali waqt li huwa dejjem kien ikun lest li jagħraf u jfaħħar il-kapaċita' ta' ħaddieħor, kien jipprova iżomm lura milli jintefaħ bil-ftaħir li bix-xieraq kien jagħmillu ħaddieħor għal kitbietu. Dan nistgħu ninnutawh fl-ittra li kiteb lil Karmenu Vassallo fis-27 ta' Frar 1945 fejn irrimarkalu hekk:

**"Nirringrazzjak tassew, għażiż Karmenu, għall-kelmiet sbieħ li fajjartli. Biss ngħidlek li, int kemm int kompetenti biex tagħti l-fehma**

**tiegħek fuq il-poeżiji li rajt b'għajnejk, f'dak li hu ġewwieni mort imqarraq ħafna: ma nafx kif tista' titħaddet fuq l-umiltà' u l-qdusija tiegħi la darba m'humiex fija. Karmenu, barra mir-riċessjoni, għamiltli wkoll xhud fil-kawża tal-beatifikazzjoni."**

Iżda jekk Karmenu Vassallo seta' jagħraf il-kwalitajiet sbieħ li bih kien imżejjen bihom il-karattru ta' Dun Frans mill-poeżiji tiegħu, aħna li għal snin twal ħdimna miegħu spalla ma' spalla fil-Każin San Gejtanu, li fraħna miegħu u ġarrabna flimkien l-inkwiet li taf toffri l-ħajja, nistgħu nixhdu għalih. Nistgħu ngħidu li għalkemm id-deħra tiegħu kienet ta' xi bniedem fraġili, fil-verita' kien bniedem ilvent li jfawwar bl-enerġija. Ma kienx jaf b'waqfien, dejjem għaddej. Kien kapaċi jsib ħin għal kollox: għall-ħidma pastorali, għat-tagħlim, għall-ħidma f'bosta Għaqdiet, għall-kitba, għal xi ġita u kien saħansitra jlaħħaq ukoll ma' l-attivitajiet għall-mogħdija ta' żmien. Fost dawn ta' min isemmi l-ħila li kellu biex jiġbed ir-ritratti, mingħajr l-użu ta' dawl artifiċjali, u li mill-1950 kien jgħaddihom lill-aġenti sabiex jistampawhom f'kalendarji u kartolini ta' Malta u Għawdex. Fuq nota personali niftakar bi tbissima meta kien ġabli ritratt meħud minnu fil-ġonna tal-Buskett u li kien jinsisti li dak li jidher fir-ritratt kien jien, avolja, bqajt ngħidlu li meta ġibdu kont għadni lanqas biss xrift fid-dinja. Ir-ritratt għadu għandi miżmum b'għożża bħal ħafna notamenti li kien jagħmilli meta kien jagħtini "lezzjoni" kif għandi nikteb bil-Malti sew.

Kien jagħmel ukoll xogħlijiet artistiċi mill-isbaħ permezz tal-bebbux tal-baħar u li ħafna minnu kien ġabu miegħu mill-Awstralja. Kampjun ta' dawn ix-xogħlijiet huwa dak li kien irregala lill-Każin tagħna, li kull darba li nħares lejh niftakar b'nostalġija f'xi tlifna. Barra minn hekk, kien jiddelletta ħafna bix-xtieli u l-pjanti li kien ikabbar u li l-għaxqa tiegħu kienet li jagħtihom lill-ħbieb tiegħu, inkluż għall-ġnien tal-Każin tagħna.

Għax għalih il-Palazz Thiene kien fil-veru sens tal-kelma it-tieni dar tiegħu. Kien jiġi kważi kuljum. U jien, bħal ħafna minn sħabna, kont inħobb nitkellem miegħu. Kif kont nilmħu dieħel bis-solita' qassata ta' l-irkotta imgeżwra f'borża, kont bil-ġiri nordnalu te' u flimkien konna nitilgħu fuq, fl-uffiċju, u ħallina "nargumentaw" fuq xi ħaġa li tkun ġrat jew xi aħbar li nkunu sibna fil-ġurnali. Ħalliha li fil-verita' aktar kont nisma' milli nitkellem għax dak li jkun qed jgħidlek dejjem ikollu xi tagħlima. Kien jitmassħan wisq fuq il-ħsara li aħna "tal-media" qed nagħmlu lill-ilsien Malti. Kienet ukoll l-għaxqa tiegħu jirrakonta fuq xi ħbieb minn tiegħu u li skond huwa ma kenux qed jingħataw il-mertu li jixirqilhom. U s-sabiħa kienet li wara xi ħin tisma' tibda tħossok li inti wkoll ħabibhom, anke' jekk fil-verita' qatt ma tkun iltqajt magħhom personalment.

Baqa' sa l-aħħar nett jistinka għall-Għaqda San Gejtanu, kif wara kollox għamel tul is-46 sena li qdiha u serviha bħala Direttur Spiritwali tagħha biex għadu sal-lum il-ġurnata l-aktar persuna li dam iservi fil-Kumitat tagħha. Mhux biss kien jgħin bil-pariri siewja tiegħu iżda anke b'ħidmietu, speċjalment b'kitbietu. Huwa impossibli li tikteb dwar dak kollu li huwa wettaq u dwar is-sehem tiegħu fit-tmexxija, ħafna drabi mingħajr l-ebda daqq ta' trombi għax

dak li kien jagħmel, kien jagħmlu fis-skiet minn wara l-kwinti.

L-Għaqda tagħna hija mogħnija b'innijiet, poeżiji u kitbiet li ħarġu minn taħt il-pinna prolifika ta' Dun Frans. Huma kitbiet ta' foħrija lill-Qaddis tal-Providenza San Gejtanu, Patrun tagħna. Huwa kiteb il-kliem ta' innijiet kapulavuri li jixhdu l-imħabba tbaqbaq li huwa kellu għall-Banda tagħna:

**"...**
**Banda tagħna, rebbieħa rriduk!**
**Semma' l-ħlewwa mat-toroq tal-Ħamrun.**
**Malta, kollha qima, Troddlok dit-tislima:**
**Tifħir lilek kull fejn inti tkun."**



**Dun Frans Camilleri flimkien mal-Poeta Nazzjonali**
**Dun Karm Psaila**

Dun Frans ta xhieda ta' l-imħabba li kellu għall-Għaqda San Gejtanu f'kull żmien, kemm fil-bnazzi kif ukoll, jekk mhux aktar, fil-maltemp. Ta' dan, kien hemm żmien meta huwa, bħal ħafna minn sħabu kellu jsofri. Iżda minkejja dan kollu, huwa qatt ma żamm f'qalbu u ma kellu l-ebda preġudizzju kontra xi ħadd. Qatt ma ħalla l-pika u l-fanatiżmu jiġru bih. Anzi, għall-kuntrarju, baqa' dejjem jaħdem, bħala Ħamruniż veru, għas-sewwa u l-ġust. Flimkien ma' oħrajn ħadem għall-ġid u għall-ġieħ tal-poplu Ħamruniż kollu. Kif jgħid huwa stess f'kitbietu:

**"... flimkien mal-ħbieb tiegħi Dr. Anton Buttigieg u Dr Antoine Rutter Giappone, iż-żewġ Presidenti tal-Każini tal-Ħamrun, għamilt kemm stajt għall-għaqda u l-ħbiberija bejn iż-żewġ Każini u l-paċi fil-Ħamrun. Bdejt fl-1944 billi, wara talba tas-Surmast Willie Attard, ktibt l-Innu lil San Gejtanu għall-Każin "San Ġużepp" fuq il-mużika ta' Miruzzi. Fl-1947**

**ktibt l-Innu lil San Gejtanu għall-Każin tagħna li nebbaħ lil J.Abela Scolaro għal dik il-mużika, ġawhra li ma tintefa' qatt.**

**Fil-Festa ta' San Gejtanu bdejt nieħu r-ritratt taż-żewġ Baned isellmu lil xulxin bil-bnadar tagħhom. U minn dejjem kont u għadni nidħol fiż-żewġ Każini fejn għandi ħbieb. L-imġieba tajba u l-ħbiberija bejn iż-żewġ Kumitati, li huma maturi u jafu jorganizzaw ħolqu fil-Ħamrun atmosfera li m'hawnx bħalha f'Malta kollha."**

Dun Frans dejjem stinka għas-sliem u l-għaqda fil-Ħamrun. Kien iħeġġiġna nintrefgħu mill-piki bla sens. Kien xokk kbir għalih meta bħalna fl-1987, assista għall-ħerba li kienet saret lill-Każin li tant kien iħobb. Kien tbikkem meta ra quddiemu t-tifrik li xi ftit irresponsabbli wettqu mit-tiżjin tal-festa. Kien tnikket bil-bosta meta wara għexieren ta' snin, l-Istatwa ta' San Gejtanu ma setgħetx toħroġ għad-dawra tradizzjonali tagħha. Bi kliem jaħraq, jaqta' daqs xafra misnuna, fil-poeżija tiegħu **L-Għaqal u Ftehim Isebbħu l-Festa**, huwa għanna:

**"....**
**U n-nies li mingħalihom jagħtu qima**
**lil San Gejtanu għax jagħmlu festi kbar**
**farrku 'l Luteru u 'l San Gejtanu miegħu**
**u Malta triegħdet u tkażat b'li sar.**

**Illum bis-saħħa tal-Każini tagħna**
**u l-Kleru, magħqudin mal-Kappillan**
**rażżanna l-ġlied u l-ħsara, il-ġenn u l-biża'**
**u l-poplu Ħamruniż kollu ferħan."**

Huwa mhux biss għanna x-xewqat ta' qalbu iżda flimkien ma' oħrajn ħadem u stinka għal żmenijiet aħjar, żmenijiet ta' għaqda u sliem. Iżda jekk il-gwaj li qasam lill-Ħamrun fi tnejn beda jnin, għal Dun Frans feġġ gwaj ieħor aktar qerriedi - il-ġlieda kontra l-minġel tan-natura li huwa tant ħabb u ta foħrija fil-vrus tiegħu. Beda jitlef id-dawl ta' għajnejh u jagħfas fuqu l-uġiegħ. Magħdur u magħkus kif kien, xorta waħda baqa' jiffrekwenta l-Każin, għalkemm mhux daqstant ta' spiss.

Ftit ta' żmien wara tilef għal kollox id-dawl ta' għajnejh u bil-mod il-mod anke' s-sensi tiegħu. Iżda flok irribella u seħet xortih, aktar issaħħet u tqawwiet fih ir-rabta tiegħu ma' Alla. Dan jixhdu fl-aħħar testment tiegħu qabel ma intilef fi ħdan il-Ħallieq, fl-aħħar poeżija tiegħu **Li Kieku ma Kontx Int**, fejn jgħanni:

**"Aktar ma naħseb fik, aktar inħobbok,**
**u aktar ma nħobbok, aktar naħseb fik:**
**naħseb Ġesu', fi kliemek kollu mħabba,**
**u f'ħajti kollha nħossni mimli bik.**

**Aktar ma naħseb fik, aktar tferraħni,**
**u nibqa' nishar sa nintilef fik.**
**Ma negħja qatt u ma nixbax inħobbok**
**u f'ruħi u f'qalbi nħossni mkabbar bik."**

Matul dan iż-żmien diffiċli għalih, lil Dun Frans ma nsejnihx. Ġieli kont nisma' leħnu u nitkellem miegħu fuq it-telefon, fejn kliemu dejjem kien jaqa' fuq il-Każin. Imbagħad kien iddaħħal l-isptar mitluf minn sensih. Dun Frans miet nhar l-Erbgħa, 5 ta' Diċembru, 1990. Il-korteo tal-funeral tiegħu, nhar il-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, tmexxa mill-Banda "San Gejtanu" li huwa tant kien iħobb u li tant ħadem għaliha.

Minn dak inhar għaddew bħal berqa għaxar snin, li matulhom l-Għaqda San Gejtanu fakkret kemm-il darba lill-għażiż binha b'modi diversi fosthom b'wirjiet, kitbiet fil-pubblikazzjonijiet tagħha u anke b'Akkademja ta' Mużika u Letteratura. Iżda l-akbar tifkira ta' Dun Frans Camilleri tibqa' dejjem fil-moħħ u l-qalb ta' kull wieħed u waħda minnha għax bit-telfa tiegħu, tlifna teżor.

Ix-xewqa tiegħi f'dan l-Għaxar Anniversarju mill-mewt tiegħu hija li l-għadd kbir ta' poeżiji li jinsabu mxerrda 'l hawn u 'l hemm u li qatt ma ġew ippublikati, jinġabru fi ktieb biex b'hekk dawk li ġejjin warajna jitħennew u jitgħaxxqu huma wkoll bil-benna tal-vrus mirquma ta' sieħibna Dun Frans.



**Dun Frans ma' poeta ieħor kbir fil-letteratura Maltija:**
**Anton Buttigieg, ex-President tal-Banda San Gejtanu**